UNIVERSITY OF MALTA

THE MATRICULATION CERTIFICATE EXAMINATION
ADVANCED LEVEL

# IL-MALTI

## MAY 2007

## EXAMINERS' REPORT

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

# IL-MALTI FIL-LIVELL AVVANZAT
# IS-SESSJONI TA' MEJJU 2007
# IR-RAPPORT TA' L-EŻAMINATURI

| Gradi | A | B | Ċ | D | E | F | Assenti | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' Kandidati | 16 | 76 | 150 | 40 | 62 | 27 | 22 | 393 |
| Persentaġġ | 4.1 | 19.3 | 38.2 | 10.2 | 15.8 | 6.9 | 5.6 | 100 |

L-EWWEL KARTA

*Il-komponiment*

Ingħażlu t-temi kollha, u l-komponiment dwar il-ħarsien ta' l-ambjent (mistoqsija d) kien bil-bosta l-aktar popolari. L-inqas li ngħażlet kienet it-tema tas-sehem taż-żgħażagħ fi stil ġdid ta' politika għall-pajjiż (mistoqsija e). B'mod ġenerali jista' jingħad li kien hemm ftit ideat tajbin ħafna li jpattu għall-ideat fjakki li dehru bnadi oħra. Ngħidu aħna fil-komponiment (a) ftit kienu dawk li ttrattaw it-tema tal-komponiment dwar Dun Ġorġ bħala l-qaddis tal-Maltin kollha. Uħud aktar intilfu fuq ħajtu u fuq mirakli mxettqa tul ħajtu. Fil-komponiment (b) ħafna mill-kandidati ttrattaw il-valur tal-qari u l-istudju tal-lingwi aktar milli l-valur tal-letteratura. Kien hemm diversi kandidati li kitbu mhux ħażin dwar il-komponiment (ċ), għalkemm ħafna ttrattawh wisq mill-aspett reliġjuż. L-aħjar ideat ħarġu fil-komponiment (d) għaliex ħafna dehru infurmati sewwa dwar x'qiegħed jiġri fl-ambjent. Il-komponiment (e) ngħażel ftit, u dan huwa turija ta' l-indifferenza taż-żgħażagħ quddiem il-politika.

*It-taqsira jew l-ittra*

Kien hemm iżjed kandidati li għażlu l-ittra milli kandidati li għażlu t-taqsira. Ħafna kienu dawk li marru tajjeb fit-taqsira. Ħafna marru tajjeb fil-kitba ta' l-ittra għaliex kellhom suġġett li seta' jolqothom mill-qrib. Kien hemm ftit li nsew li ittra ma tinkitibx f'paragrafu wieħed. Uħud għadhom ma tgħallmux kif jagħlqu ittra. Dawn huma xi eżempji ta' għeluq li m'għandux ikun: ''nirringrazzjak talli għoġbok tismagħni", ''grazzi ta' l-attenzjoni", "nirringrazzjak tal-paċenzja", "nirringrazzjak tal-ħin li ħadt biex qrajt din l-ittra".

*Lingwistika Maltija*

Il-komponimenti tal-lingwistika ngħażlu kollha. Ma nistgħux ngħidu liema wieħed kien popolari. Bħala regola l-kandidati kienu mhejjijin tajjeb f'kull mistoqsija. L-inqas li marru tajjeb kienu dawk li għażlu l-mistoqsija (b) għaliex xi wħud tawlu wisq fuq l-iżvilupp tra' l-ilsien Malti tul is-snin, li kien irrilevanti, jew damu wisq biex daħlu fis-suġġett. Fil-komponimenti dwar il-proċessi tal-bdil fit-tifsir tal-kliem xi drabi tħallew barra xi proċessi li jirregolaw dan it-tibdil. Kienu ftit tassew il-kandidati li ħarġu barra s-suġġett.

*Kumment ġenerali*

Kien hemm numru mdaqqas ta' kandidati li wrew li għandhom il-ħila jfissru ruħhom b'Malti mirqum, u b'ortografija tajba. Kien hemm uħud li kitbu mingħajr ma għamlu ebda żball. Ftit kandidati batew biex ifissru ruħhom bil-Malti, għalkemm ta' min jgħid li kien hemm nuqqas ta' Malti idjomatiku kif għandu jkun. Din is-sena kompla jiżdied l-għadd ta' studenti li anki f'dan il-livell għamlu bosta żbalji fl-ortografija.

Ta' min wieħed jinnota dawn in-nuqqasijiet li dehru fil-kitba: żbalji fis-sintassi, interferenzi lingwistiċi, ortogrfija żbaljata ta' ħafna partiċelli, u tal-pronomi mehmużin, użu ta' terminoloġija żbaljata, ortografija żbaljata ta' kliem li fih jew ma fihx 'għ' u 'h', użu ħażin ta' kliem fil-ġens jew fl-għadd.

Għalkemm kien hemm għadd sabiħ ta' studenti li qagħdu attenti kif jiktbu l-Malti, kien hemm oħrajn, li l-għadd tagħhom qiegħed ikompli jiżdied, li għadhom jagħmlu ħafna żbalji elementari, u l-aktar fl-ortografija. Hemm numru li qiegħed dejjem joktor ta' studenrti li qegħdin jaqgħu

f'interferenzi mit-Taljan u mill-Ingliż. Madankollu huwa tassew inkuraġġjanti l-livell għoli milħuq minn għadd ta' studenti, l-aktar fil-komponiment ġenerali.

## IT-TIENI KARTA

*Il-komponiment dwar il-poeżija*

Din il-karta, bħal kull karta oħra tal-letteratura, tistħarreġ qabelxejn il-ħila tal-kandidati fl-iżvilupp tal-ħila kritika, analitika tagħhom, u dan bis-saħħa ta' kitbiet li jkunu ġew studjati. Il-kandidati jkunu mistennija li jorbtu l-għarfien tax-xogħlijiet letterarji ma' l-aspetti tal-ħajja li jkun hemm fil-mistoqsija. Għalhekk l-istudju tal-letteratura u l-għarfien tal-modi diversi fl-iżvolġiment ta' argumenti ta' kull xorta jmorru flimkien. Studenti li jmorru tajjeb juru minnufih li jkunu fehmu dan.

Madankollu, dawn il-kummenti li ġejjin jixħtu dawl fuq kif twieġbu l-mistoqsijiet ta' din il-karta. Sikwit it-tweġibiet kienu qosra wisq, u dan ifisser li jista' jsir sforz akbar biex kull tweġiba jkollha t-tul li jixraq lil eżami ta' dan il-livell. Fil-każ tat-Taqsima A wħud kitbu dwar it-trattament tan-Natura minn Dun Karm u Anton Buttigieg, waqt li għamlu riferiment għal xi poeżiji tagħhom. Jidher li ħafna studenti ma ħadux l-istudju f'dan il-qasam bis-serjeta' mixtieqa, u spiċċaw biex ma analizzawx il-poeżiji mill-aspetti diversi mitluba. Jekk jiżdied il-qari tal-kitbiet kritiċi jista' jinkiseb livell ogħla.

Ma jistax ma jingħadx li sikwit il-livell kien baxx tassew, u dan jixhed nuqqas serju ta' studju u nuqqas ta' apprezzament ta' l-iskop li għandu eżami bħal dan. Jixraq ukoll li diversi studenti jitħarrġu aħjar fil-pjanifikazzjoni ta' l-esej, billi jaħsbu sewwa u jorganizzaw aħjar il-kitba tagħhom. Jaqbel ukoll li jsir riferiment għal firxa usa' ta' poeżiji biex tinkiseb dehra aħjar tat-temi.

Fil-każ tat-Taqsima B ħafna kandidati marru wisq aħjar. Jidher li l-argumenti ta' din it-taqsima kienu eqreb ta' l-interessi ta' diversi studenti.

*Il-kritika letterarja (poeżija)*

Fil-Taqsima ~ l-istudenti huma mistennija li jistħarrġu poeżija skond aspetti ewlenin tagħha bħala tema u bħala kitba. Dan kollu jsir billi l-poeżija tingħaraf skond dak li qiegħda tgħid u skond il-modi li bihom twassal il-messaġġ. Waqt li kien hemm kandidati li wrew ħila fit-tweġibiet tagħhom, ħafna oħrajn kienu neqsin minn dak kollu li hu meħtieġ. Ħafna mxew mal-versi u qalu xi ħaġa żgħira dwar xi figuri tad-diskors, u xejn dwar ix-xejriet tematiċi.

Kważi kollha għażlu li jiktbu dwar il-poeżija ta' Ġorġ Zammit. Uħud ma kinux jafu x'użu kellha l-mitħna tar-riħ, u ħawdu poeta ma' ieħor. Waqt li għadd ta' studenti laħqu l-livell mixtieq, oħrajn dehru li studjaw notamenti bl-amment. Xi drabi l-ortografija kienet żbaljata.

## IT-TIELET KARTA

*Il-komponiment dwar id-drama u n-narrattiva*

Bħas-snin ta' qabel, il-mistoqsijiet tfasslu bil-għan li l-kandidati jkollhom l-opportunita' juru l-ħila tagħhom fid-diskussjoni kritika tat-temi, l-isfond, l-istil, u l-karatterizzazzjoni tat-testi magħżula. Għaldaqstant kull mistoqsija kienet tistimula lill-kandidati sabiex jiktbu fuq il-burdati differenti tal-kittieba u fuq l-implikazzjonijiet soċjali u psikoloġiċi tar-rumanzieri u tad-dramaturgi li kellhom jistudjaw. Il-kandidati kellhom jiflu sew it-testi magħżula fid-dawl tal-mistoqsijiet mogħtijin lilhom.

Il-livell ġenerali kien tajjeb u bosta għarfu jwieġbu b'mod rilevanti biex jilħqu l-aspetti kollha tal-mistoqsijiet. Imma xorta għadna nsibu xi kandidati li ma jafux jiżviluppaw l-argumenti tagħhom fit-tul jew li jinfexxu fin-narrazzjoni tat-testi magħżula minflok fid-diskussjoni. Kien hemm ukoll każijiet ta' kandidati li ma tawx importanza lil kull ktieb li kellhom għal din it-taqsima.

Fit-Taqsima A (Drama) Francis Ebejer baqa' l-aktar wieħed popolari. Dawk li marru ħażin inħlew fin-narrazzjoni minflok fid-diskussjoni. Nuqqas ieħor kien li ma ntużawx il-kwotazzjonijiet għat-tisħiħ ta' l-argumenti.

Fil-każ tat-Taqsima B (Narrattiva) ta' min ifaħħar l-inizjattiva ta' xi wħud mill-kandidati li taw introduzzjoni oriġinali u adattata għall-mistoqsija. Dawn spikkaw ħafna ħdejn l-oħrajn li taw introduzzjoni ġenerali li dehret li kienet imħejjija minn qabel. B'eżempju ta' introduzzjoni oriġinali nisiltu dan il-paragrafu:

"'Il-Gaġġa' ta' Frans Sammut huwa wieħed mill-ftit kotba psikoloġiċi li nsibu fil-letteratura Maltija. Il-bidu ta' dan ir-rumanz huwa pjuttost bidu psikoloġiku meta Sammut jikteb 'Jiena jien'. B'din is-sentenza nistgħu naraw allużjoni aċċidentali għall-poeżija 'Jien', poeżija essenzjalment eżistenzjalista tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin. Il-poeta jgħid:

'Jien ħafna nies
u jien bniedem wieħed.
Jien min jien?'

Din hija waħda mill-mistoqsijiet li l-aktar tinkwieta l-ġeneru uman. Ix-xewqa li nkunu nafu min aħna tant ieħor kbira li xi drabi nistgħu nintilfu waqt it-tiftixa."

L-inqas li wieġbu kien dwar 'Lubien'. Kien hemm xi komponimenti li ma kellhom ebda introduzzjoni u oħrajn kellhom konklużjoni dgħajfa. Xi wħud ma tawx kas il-kelma "bidliet" fir-raba' mistoqsija dwar "Il-Gaġġa" ta' Frans Sammut "bħala rumanz mibni fuq il-karattru ewlieni u l-bidliet li hu jgħaddi minnhom", u tkellmu biss fuq "bidla" waħda: il-bidla li Fredu ġarrab fl-imħabba. Dawn il-kandidati ħallew barra bidliet ta' attitudni soċjali u bidliet psikoloġiċi, eż., id-diżappunt fl-isport, l-opinjoni mibdula fuq is-sehem tal-qassis, tal-familja, u tas-safar. Dawn il-bidliet huma kollha marbutin mal-fatt li l-karattru ma jistax jaħrab mill-gaġġa.

*Il-kritika letterarja (proża)*
F'din it-taqsima l-kandidati kienu batuti ħafna. Minflok stħarriġ kritiku bosta kandidati kitbu s-silta fi kliemhom. Oħrajn semmew ħafna termini mingħajr ma wrew li kienu jafu kif japplikawhom. Xi wħud ittrattaw ix-xejriet tematiċi imma ħallew barra x-xejriet stilistiċi. Kienu ftit dawk li ttrattaw ix-xejriet stilistiċi flimkien ma' l-effetti tagħhom fis-silta.

*Konklużjoni*
Il-kitba ta' bosta studenti hija, ħafna drabi, nieqsa mis-sottillezzi tal-kritika li kandidati f'dan il-livell għandhom jibdew iħaddmu. Dan huwa nuqqas li jista' jingħeleb b'aktar qari u b'approfondiment ta' l-istess qari, u bl-iżvilupp tal-fakulta' kritika, ħaġa li tista' tinkiseb billi l-istudju tal-kitbiet letterarji jimxi mill-qrib ma' l-għarfien tal-kritika letterarja.

Ic-Cermen
Bord ta' l-Eżaminaturi

Ottubru 2007